MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 27/2002/1

**John u Luigia konjuġi Attard**

***v.***

**Joseph u Maria konjuġi Axiaq; John u Maria konjuġi Tabone; Paul Axiaq**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn dikriet mogħti fit-12 ta’ Novembru 2013 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali li ċaħad talba tagħhom sabiex tiġi riappuntata kawża quddiem l-istess qorti. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-atturi kienu fetħu l-kawża tallum fl-2002 biex jitolbu dikjarazzjoni illi l-attriċi għandha l-pussess jew detenzjoni ta’ *encroachment permit* fuq biċċa art fix-Xewkija, Għawdex, u biex il-konvenuti jinżammu milli jieħdu dik l-art f’idejhom.

3. Fl-2003 mbagħad il-konvenuti Maria Axiaq u John Tabone fetħu kawża kontra l-attriċi Luigia Attard quddiem it-Tribunal ta’ Arbitraġġ dwar il-Qsim ta’ Wirt[1] [“it-Tribunal”] għall-qsim tal-wirt ta’ omm il-partijiet. Billi l-konvenuti (atturi fil-kawża quddiem it-Tribunal) igħidu illi l-*encroachment permit* li dwaru hija l-kawża tallum huwa parti mill-assi tal-wirt, fit-30 ta’ Marzu 2004 talbu illi l-kawża tallum “tmur *sine die* pendenti l-eżitu tal-kawża bejn l-istess partijiet quddiem it-tribunal għal qsim tal-wirt”. B’dikriet mogħti dakinhar stess l-ewwel qorti laqgħet it-talba iżda b’dikriet ieħor tal-11 ta’ Jannar 2007 reġgħet qiegħdet il-kawża fuq il-lista u ordnat illi jitkompla s-smigħ.

4. B’rikors tal-25 ta’ Jannar 2010 quddiem it-Tribunal l-attriċi talbet is-soprasessjoni tal-proċeduri quddiem l-istess Tribunal “sakemm ikun

1 Rikors numru 5/2003.

hemm deċiżjoni aħħarija" fil-kawża tallum, iżda t-Tribunal b'dikriet tat-28 ta' Marzu 2011 ċaħad it-talba wara li qies illi:

> "… … … ġaladarba dan it-tribunal ġie mwaqqaf proprju biex jaqsam wirt, liema poter jikkomprendi neċessarjament il-likwidazzjoni tal-attiv u l-passiv tal-wirt li jkun qiegħed jiġi maqsum, isegwi li jekk il-partijiet ma jkunux qegħdin jaqblu dwar il-konsistenza tal-wirt, it-tribunal huwa kompetenti, anzi jrid, jiddeċiedi l-kwistjoni hu."

5. B'rikors tat-30 ta' Ottubru 2012 quddiem l-ewwel qorti il-konvenuti reġgħu talbu s-soprasessjoni tal-proċeduri quddiem dik il-qorti sakemm tinqata' l-kawża quddiem it-Tribuna. Imbagħad, fid-9 ta' Novembru 2012 l-atturi fetħu kawża[2] quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha b'talba għal dikjarazzjoni illi l-Att li jirregola l-Qsim tal-Wirt (li bis-saħħa tiegħu twaqqaf it-Tribunal) jikser il-jedd fondamentali tagħhom imħares taħt l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

6. Fit-30 ta' Novembru 2012 l-ewwel qorti, wara li kienet mgħarrfa bil-kawża kostituzzjonali, iddeċidiet illi "tirriserva li tiddeċiedi dwar dan ir-rikors [*i.e.* ir-rikors tal-konvenuti tat-30 ta' Ottubru 2012 għal soprasessjoni] wara li jkun hemm sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali f'dan ir-rigward", u iddifferiet il-kawża għat-22 ta' Frar 2013 "għal informazzjoni ulterjuri".

[2] Rikors kostituzzjonali numru 74/2012.

7. Dakinhar ukoll, fit-30 ta' Novembru 2012, l-attriċi b'rikors quddiem it-Tribunal talbet is-soprasessjoni tal-proċeduri quddiem l-istess Tribunal sakemm tinqata' l-kawża kostituzzjonali. B'dikriet tas-26 t'April 2013 it-Tribunal laqa' t-talba.

8. B'rikors tal-20 ta' Mejju 2013 quddiem l-ewwel qorti l-atturi għarrfu lil dik il-qorti bis-soprasessjoni tal-proċeduri quddiem it-Tribunal u, billi kienu għalhekk tal-fehma illi "ma għad hemm ebda impediment" sabiex jitkompla s-smigħ tal-kawża tallum talbu illi l-ewwel qorti "tirriappunta għas-smigħ il-kawża odjerna". B'dikriet tat-12 ta' Novembru 2013 l-ewwel qorti "filwaqt li tikkonferma d-dikriet tagħha tat-30 ta' Novembru 2012" ċaħdet it-talba għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> "Fil-fehma ta' din il-qorti, minkejja tali soprasessjoni tat-tribunal, il-kwistjoni dwar jekk hija għandhiex tissoprassjedi wkoll xorta waħda tibqa' tiddependi mill-eżitu tal-kawża kostituzzjonali. Dan għaliex, kemm-il darba jiġi deċiż li t-tribunal huwa legalment kostitwit skond l-Att li bih ġie mwaqqaf, u għalhekk ikun tassew kompetenti jiddeċiedi hu dwar kull kwistjoni li għandha x'taqsam mal-wirt in diviżjoni, inkluż allura anke d-drittijiet spettanti lill-werrieta fuq l-*encroachment* tal-*boat shelter* li kellu d-*decujus*, din il-qorti, li ġiet mitluba tiddikjara li l-attriċi hija unika pussessura [*sic*] jew detentriċi tal-istess *boat shelter*, jkollha mbagħad neċessarjament tistenna sakemm ikun hemm eżitu finali fil-kawża quddiem l-istess Tribunal tal-Wirt, qabel ma tkun tista' tippronunzja ruħha dwar it-talbiet attriċi. Altrimenti, kemm-il darba tibqa' għaddejja bis-smigħ ta' din il-kawża, qisu ma ġara xejn, tkun qed tissogra l-possibiltà ta' żewġ deċiżjonijiet konfliġġenti, li mbagħad ikun ferm diffiċli, jekk mhux ukoll impossibbli, li jiġu esegwiti."

9. Dakinhar stess l-atturi talbu awtorizzazzjoni sabiex jappellaw mid-dikriet u l-ewwel qorti, ukoll dakinhar, tat l-awtorizzazzjoni meħtieġa u iddifferiet il-kawża "għal informazzjoni ulterjuri" għas-7 ta' Jannar 2014.

10. Imbagħad b'rikors tat-18 ta' Novembru 2013 l-atturi ressqu l-appell tallum li għalih il-konvenuti wieġbu fit-2 ta' Diċembru 2013.

11. L-aggravji tal-atturi ġew imfissra hekk fir-rikors tal-appell:

> "Fl-ewwel lok, qed jiġi sottolinejat illi l-kawża ta' indoli kostituzzjonali introdotta mill-esponenti bl-ebda mod ma tikkolpixxi l-ġurisdizzjoni tal-ewwel qorti adita, anke għaliex hija mmirata biex tikkontesta l-legalità u l-validità tal-kostituzzjoni tat-Tribunal ta' Arbitraġġ dwar il-Qsim tal-Wirt. ... ... ...;
>
> "Illi għal kuntrarju ta' dak ritenut mill-ewwel qorti, il-mertu tal-kwistjoni quddiemha ma jista' qatt jirrijentra fl-istħarriġ u deċiżjoni tat-Tribunal tal-Qsim tal-Wirt billi l-oġġett tat-talba quddiem l-ewwel onorabbli qorti – dak konċernanti t-titolarità tal-*boat shelter* – kienet, kif hekk pretiż mill-esponenti, pertinenza esklussiva tagħhom in kwantu minnhom detenut b'*encroachment*;
>
> "Illi ma jistax ma jiġix denotat illi l-kawża pendenti quddiem l-ewwel onorabbli qorti, *per* ċitazz. numru 27/2002, kienet tanteċedi l-kawża li l-kontro-partijiet ippreżentaw quddiem it-Tribunal ta' Arbitraġġ dwar il-Qsim tal-Wirt (rikors numru 5/2003);
>
> "Illi ma teżisti l-ebda ġustifikazzjoni għaliex l-ewwel qorti ma kellhiex, u ma għandix [*recte*, ma għandhiex], tipprosegwi biex tiddetermina l-kawża quddiemha, hekk pendenti 'l fuq minn ħdax-il sena, u li fiha diġà ġew rakkolti diversi provi;
>
> "Ma huwiex aċċettabli, fl-umli fehma tal-esponenti, illi din il-kawża titħalla fil-limbu tas-soprassessjoni meta ma teżisti ebda raġuni sodisfaċenti għal daqshekk, tant li dik is-soprassessjoni ma hijiex lanqas indikata għal każ taħt eżami *stante* li ma teżisti l-ebda soluzzjoni tal-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla (Qorti Kostituzzjonali) li minnha neċessarjament tiddependi l-kontinwazzjoni tal-kawża odjerna sa dik is-soluzzjoni. B'kull rispett dovut, la ma teżistix din id-dipendenza jew il-potenzjalità tagħha, mhux għall-ewwel qorti li tibqa' fi stat ta' soprassessjoni;
>
> "Fl-aħħarnett irid jingħad illi, *dato ma non concesso*, ankorkè l-fatt li l-ewwel onorabbli qorti tgħaddi biex tiddeċiedi l-mertu quddiemha dan mhux biss mhux ser ikun ta xkiel għat-Tribunal ta' Arbitraġġ dwar il-Qsim tal-Wirt, iżda pjuttost ser jiffaċilita u jgħin il-kompitu ta' dak l-istess tribunal fil-każ li jkun stabbilit li l-*boathouse* in kontestazzjoni jirrijentra fil-massa ereditarja tad-defunt Dionisio Tabone."

12. Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni tan-nullità tal-appell għal raġuni li fissruha hekk:

“Id-digriet appellat in kwistjoni jinkwadra ruħu taħt l-artikolu 229(3) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Għalhekk huwa jikkonsisti f’digriet interlokutorju li seta’ biss isir appell minnu “... jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir, liema permess għandu jintalab b’rikors li jiġi preżentat fi żmien għaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-qorti”.

*“Inoltre*, skond l-istess liġi, f’ċirkustanzi bħal dawn, il-qorti kellha tiddeċiedi dwar jekk għandhiex tagħti permess biex isir appell minn tali digriet qabel l-għoti ta’ sentenza finali “... wara li tkun semgħet lill-partijiet ...” u “... jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva ...”

“Issa fil-każ odjern:

“1. Għalkemm, wara li ngħata d-digriet tat-12 ta’ Novembru 2013, anzi dak il-ħin stess, l-atturi talbu permess biex jappellaw mid-digriet in kwistjoni huma m’għamlux it-talba tagħhom permezz ta’ rikors hekk kif tipprovdi l-liġi;

“2. *Inoltre*, il-qorti qabdet u tat digriet li permezz tiegħu laqgħet din it-talba tal-atturi biex jappellaw mid-digriet mingħajr ma semgħet lill-partijiet, hekk kif kienet rikjesta tagħmel skond il-liġi. Tant hu hekk li jekk wieħed jara t-verbal tas-seduta tal-istess seduta tat-12 ta’ Novembru 2013 li fiha saret it-talba biex isir l-appell, u li fiha ntlaqgħet ukoll l-istess talba, jirriżulta li l-avukata sottoskritta attendiet is-seduta wara li kien ġà ngħata digriet li permezz tiegħu ntlaqgħet it-talba tal-atturi biex jappellaw. Għaldaqstant, żgur li l-qorti ma setgħetx semgħet dwar x’kellha xi tgħid l-istess avukata sottoskritta dwar it-talba tal-atturi qabel ma tat id-digriet tagħha u aċċettat l-istess talba, Mill-istess verbal ukoll jidher li ma saret l-ebda trattazzjoni dwar it-talba tal-atturi biex jappellaw mid-digriet. Żgur li għalhekk il-qorti ma semgħetx lill-partijiet qabel tat l-istess digriet tagħha.

*“Inoltre*, skond is-subartikolu (5) tal-istess artikolu 229(3) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-qorti għandha tagħti digriet li jiddeċiedi dwar it-talba għal permess speċjali sabiex isir appell skond is-subartikolu (3) billi “... tiddikjara fid-dettall ir-raġunijiet li wassluha għad-deċiżjoni tagħha”. Għal darb’oħra, jekk wieħed jara l-verbal tat-12 ta’ Novembru 2013, li fih l-awtorizazzloni mogħtija lill-atturi għal dan l-iskop, dritt jinduna li fejn il-qorti aċċettat it-talba biex isir appell ma ngħatawx raġunijiet għalfejn l-istess talba kienet qed tiġi milqugħa. Mingħajr tali raġunijiet speċifikati fl-għotja tal-permess, ma jistax jitqies li l-permess relattiv ġie mogħti validament.

“Għaldaqstant, biex sar dan l-appell ma ġietx osservata l-proċedura stabbilita mil-liġi minħabba t-tliet mankamenti fuq imsemmija. Isegwi għalhekk li dan l-appell huwa null u m’għandux għax jiġi kkunsidrat minn din l-onorabbli qorti.”

13. Bla ma tidħol – għal raġunijiet li jidhru ċari aktar ’il quddiem – fil-kwistjoni jekk id-dikriet li minnu sar l-appell jaqax tassew taħt l-art. 229(3) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew huwiex, pjuttost, “dikriet li jordna l-waqfien tal-proċedimenti” taħt l-art. 229(2)(*e*) li appell minnu jista’ jisr qabel is-sentenza mingħajr ħtieġa ta’ awtorizzazzjoni, il-qorti tosserva illi l-argumenti mressqa mill-konvenuti f’din l-eċċezzjoni preliminari tagħhom jolqtu l-validità tad-dikriet ta’ awtorizzazzjoni tat-12 ta’ Novembru 2013, li minnu ma sar ebda appell. Ladarba ma ġiex impunjat, u ladarba l-proċeduri quddiem din il-qorti llum ma humiex appell mid-dikriet ta’ awtorizzazzjoni, dak id-dikriet għandu jitqies li jiswa u l-appell li sar bis-saħħa tiegħu jiswa wkoll.

14. Nistgħu għalhekk ngħaddu għall-meritu tal-appell.

15. Jidher illi kemm l-ewwel qorti kif ukoll il-partijiet tilfu l-fil tal-proċeduri; mhix ħaġa kbira meta tqis in-numru ta’ kawżi, rikorsi u kontro-rikorsi li bihom għażlu li jikkomplikaw flok isolvu materja relativament sempliċi illi issa ilha pendenti tlittax-il sena. Kulħadd jidher li nesa illi bid-dikriet tat-30 ta’ Novembru 2012, konfermat bid-dikriet tat-12 ta’ Novembru 2013, l-ewwel qorti ma kinitx laqgħet ir-rikors tal-konvenuti tat-30 ta’ Ottubru 2012 għal soprasessjoni iżda biss “irriservat” li tiddeċiedi dwaru. Fil-fatt għalhekk ma hemm ebda dikriet ta’ soprasessjoni għal-kemm għandu jingħad illi l-effett kien l-istess għax wara dakinhar ma sar xejn utli fil-kawża. Billi iżda l-kawża baqgħet formalment fuq il-lista t-talba tal-atturi fir-rikors tagħhom tal-20 ta’ Mejju 2013 għar-“ri-

appuntament" tal-kawża strettament ma kienx f'loku, daqskemm ma hijiex strettament f'lokha t-talba fir-rikors tal-appell biex din il-qori tordna r-ri-appuntament tal-kawża; *se mai* ir-ri-appuntament ikun meħtieġ mhux għax tinqaleb id-deċiżjoni tat-30 ta' Novembru 2012 u tat-12 ta' Novembru 2013 iżda għax il-kawża terġa' tmur minn fuq il-listi ta' din il-qorti għal fuq il-listi tal-ewwel qorti.

16. Għalkemm għalhekk ma hemm ebda dikriet ta' soprasessjoni li minnu seta' jsir dan l-appell tallum, madankollu, billi fil-prattika l-ewwel qorti "issoprasediet", din il-qorti *ut magis res valeat quam pereat* u biex ma jkomplix jinħela żmien inutilment, sejra tqis l-appell bħallikieku appell mis-soprasessjoni *de facto* li effettivament għamlet l-ewwel qorti.

17. Il-qorti tosserva illi l-partijiet huma marbutin bid-deċiżjoni tat-Tribunal tat-28 ta' Marzu 2011 illi l-kompetenza biex jiddeċiedi jekk l-*encroachment permit* hijiex parti mill-assi tal-wirt tvesti fih. Għalhekk kienet tkun tajba d-deċiżjoni tal-ewwel qorti illi tistenna sakemm ikun hemm deċiżjoni dwar hekk mit-Tribunal: jekk it-Tribunal isib illi l-permess ma huwiex parti mill-assi tal-wirt il-kawża titkompla quddiem l-ewwel qorti; jekk isib illi huwa parti mill-wirt ix-xorti tal-permess tiddependi mid-deċiżjoni dwar il-qsim tal-wirt. Biex tkun taf il-kawża quddiem l-ewwel qorti għandhiex titkompla jew le, trid f'kull każ tistenna d-deċiżjoni tat-Tribunal.

18. Il-kawża kostituzzjonali ma tibdel xejn minn dan għax jekk id-deċiżjoni tkun illi t-Tribunal huwa kostituzzjonalment leġittimament imwaqqaf id-deċiżjoni dwar il-konsistenza tal-wirt tibqa' f'idejn it-Tribunal.

19. Dan kollu, fil-fehma tal-qorti, għandu jżomm lill-ewwel qorti milli tagħti s-sentenza tagħha iżda, fiċ-ċirkostanzi, mhux milli tkompli bil-ġbir tax-xiehda, jekk din, wara tlittax-il sena, għadha ma nġabritx. F'ċirkostanzi normali, kien forsi jagħmel sens illi l-ġbir tax-xiehda wkoll jieqaf; fiċ-ċirkostanzi tal-kawża tallum, li ilha pendenti tlittax-il sena u li s-sopra-sessjoni *de facto* seħħet meta l-kawża ġà laħqet stadju relativament avanzat, ikun għaqli li jitkompla l-ġbir tax-xiehda sabiex hekk kif ikun hemm sentenza tat-Tribunal u skond l-eżitu ta' dik is-sentenza, l-ewwel qorti wkoll tkun f'posizzjoni li tagħti s-sentenza tagħha bla aktar dewmien.

20. Il-qorti għalhekk tipprovdi dwar l-appell billi tordna illi l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex dik tkompli bil-ġbir tax-xiehda b'dan illi l-ewwel qorti ma għandhiex tagħti s-sentenza fuq il-meritu qabel ma tkun finalment maqtugħa l-kwistjoni quddiem it-Tribunal.

21. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------